MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Alan Boyce ta' 49 sena, iben Geoffrey u Georgina nee Cachia, mwieled Birmingham, UK fit-22 ta' Jannar, 1952, u joqghod 3, St George Street, Safi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 133385M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alan Boyce li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Novembru, 2000 wara l-hamsa ta' filghaxija gewwa Hal-Safi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

martu cioe Geralda Boyce, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi permezz ta' arma tan-nar spara tir/tiri fid-direzzjoni ghall-imsemmija Geralda Boyce, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu,
Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar f'post abitat, ghaldaqstant f'distanza ta' anqas minn mitejn metru minn post abitat b'periklu ghal min seta' kien ghaddej,
Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra l-persuna ta' Geralda Boyce, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u munizzjoni,

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded serjament lil martu cioe Geralda Boyce, permezz ta' arma tan-nar,
Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika kif ukoll hebb kontra l-persuna ta' Geralda Boyce, sabiex jingurjaha, idejjeq jew jaghmel hsara lil din il-persuna.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li kien irregistra in-nuqqas ta' htija ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta b'mod inekwivoku illi Alan Boyce mhux l-ewwel darba li kien aggressiv fil-konfront ta' martu. Daqstant iehor huwa ovvju li Geralda Boyce, anke jekk vittma ghal tul taz-zmien, lesta biex tissaporti u tghatti l-agir ta' zewgha. Jidher ukoll li dawn il-problemi bejn il-konjugi Boyce huma precipitati mill-fatt li Boyce huwa alkoholiku. Rizultat ta' dan kollu jidher ukoll li mart l-akkuzat fl-ewwel xhieda taghha anke assumiet li l-incident kien it-tort taghha u skuzat is-swat ta' zewgha fuqha ghax tawlet ilsienha. Tghid fil-fatt fl-ewwel xhieda taghha li ghalkemm bezghet x'hin rat lil zewgha jaqbad is-senter pero' fl-istess nifs tghid li zewgha kien sejjer ghall-kacca. Tghid ukoll li

fil-fatt li kienet hi li ghafset il-grillu tas-senter b'konsegwenza li t-tir ghadda minn bejn saqajha. Pero' fino in fondo din il-Qorti hija konvinta li Geralda Boyce verament stqarret dak li gara meta qalet (a fol 62) dwar il-bizgha li kella "Heqq ma jmurx jispara ghalih innifsu jew ghalija jew jaghmel xihaga hazina." Din il-bizgha kienet anke kristallizzata meta ben konsapevoli tal-ezistenza tas-snieter fid-dar taghha (cioe dik matrimonjali ma' zewgha) talbet li l-istess snieter jinzammu f'residenza differenti minn fejn toqghod hi ma' zewgha.

Jidher ukoll mix-xhieda ta' Dr David Cassar li din l-aggressivita' ta' l-akkuzat hija rizultat ta' "severe alcohol dependence". Dr Cassar pero' (kif ukoll Catherine Cauchi" jitkellem fuq il-progress li qed jaghmel l-akkuzat, fuq il-fatt li fi kliem Cauchi hu dan l-ahhar xhur zamm lilu nnifsu dry (mill-alkohol), kif ukoll fuq il-fatt li l-akkuzat qed isib u ghandu support kbir minghand il-familja tieghu specjalment martu.

Alan Boyce ghazel li jixhed. Hawn hu kkorrobora dak li qalet martu u cioe li dakinhar mertu ta' l-akkuza hu u martu kellhom verament xi jghidu verbalment kif ukoll b'mod fiziku. Qal li dahhal f'mohhu li johrog ghall-kacca u ghalhekk mar ghas-senter fil-kamra tas-sodda, martu marret warajh, gibdet il-kanna l-isfel u s-senter ha bejn saqajha.

Tista' tghid li huwa hawn jikkorrobora fil-punti saljenti dak li xehdet martu. Daqstant iehor jirrepeti dak li qal a tempo vergine fl-istqarrija.

Punt iehor li hu nkwetanti ghal din il-Qorti hu li Boyce ghalkemm jidher li sejjer tajjeb fil-programm li qed isegwi kontra l-abbuz ta' l-alkohol, xehed li hu xorta (u dan anke fuq parir tat-tabib) gieli jerga' jiehu xi grokk jew tnejn.

Issa din il-Qorti fir-rigward ta' l-akkuza tinsab ferm konvinta li huma kollha pruvati in kwantu hija konvinta li taht l-effett tax-xorb Alan Boyce irrikorra ghall-arma mhux biex imur ghall-kacca imma biex ikompli l-glieda ma' martu. Dan il-Qorti qed tghidu in kwantu jidher li l-

vjolenza fid-dar ta' Boyce ma kinitx haga ta' darba u anke ghal mod totalment evasiv li xehdet Geralda Boyce tenut kont tal-fatt li jidher li hi u zewgha rrangaw l-affarijiet bejniethom. Tilliberah pero' mill-akkuza ta' ksur ta' paci pubbliku in kwantu l-argument li nqala' bejn il-konjugi sar god-dar konjugali.

Rat l-art 28A u 28 B tal-Kap 9.

Tikkundannah ghal sena habs sospiza ghal sentejn. Rat l-art 28G tal-Kap 9 u tqeghdu taht ordni ta' supervizjoni ghal sena mil-llum b'dan illi ghal dan l-iskop qeghda tahtar lil Carmen Borg bhala Ufficjal sorveljanti b'dan illi Alan Boyce ghandu jzomm kuntatt kif mitlub ma' l-istess Ufficjal Sorveljanti. B'dan ukoll illi in vista ta' dawk li rrizultaw li huma l-problemi ta' Alan Boyce fil-mori tal-kawza, cioe alkoholizmu, l-Ufficjal Sorveljanti ghandha tidderigi lill-istess Boyce ghal kwalunkwe programm li tqis operattiv, f'dan ir-rigward liema direzzjoni Alan Boyce ghandu jsegwi.

Alan Boyce ghandu salv ghal direzzjonijiet mod iehor jibqa' jghix fl-indirizz hawn fuq imsemmi b'dan illi jekk jibdel l-istess indirizz ghandu javza minnufih lil Carmen Borg anke bir-ragunijiet ta' l-istess bdil.

Il-Qorti tordna wkoll li darba kull tliet xhur jingab quddiemha Alan Boyce.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-armi esebiti formalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------